**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 1 ta' Novembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Elliott Magro)**

**-vs-**

**Mahamadou Fofana, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 67671A u numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni 11F-091**

*Kumpilazzjoni Nru. 961/2015*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mahamadou Fofana u ċioè talli:

> Flimkien ma' persuni oħra, f'diversi bnadi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, u ċioe' talli:,

1. F'xi ħin bejn is-17 u 19 ta' Ottubru, 2015, minn ġewwa residenza magħrufa bħala Swieqi Residential Complex Block C, Flat 3, Triq il-Qatta, Swieqi ikkommetta serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' elfejn, mitejn u għoxrin ewro (€2,220) u diversi oġġetti oħra għad-dannu ta' Joseph Cassar u/jew ta' persuna jew persuni

oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħin u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

2. Talli bejn il-lejl tas-06 u 07 ta' Novembru, 2015, minn ġewwa residenza numru 5, sitwata Triq il-Beata Adeodata Pisani, Pembroke ikkommetta serq ta' laptop tal-għamla 'Toshiba' tal-valur ta' tmin mitt ewro (€800), flus kontanti fl-ammont ta' tlett mitt ewro (€300), ġojjelerija ta' valur mhux magħruf, u oġġetti oħra ta' valur kumplessiv ta' erbgħin ewro (€40) għad-dannu ta' Lucienne Gravino u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza numerika, bil-lok u bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħin u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

3. Talli nhar it-28 ta' Novembru, 2015, bejn 00:30hrs u 08:00hrs, minn ġewwa residenza numru 97, Minerva, sitwata ġewwa Triq it-Tiben, Swieqi, ikkommetta serq ta' mitt ewro (€100), fi flus kontanti u I Pad tal-għamla 'Apple tal-valur ta' ħames mitt ewro (€500) għad-dannu ta' David Attard u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok u bil-valur li jeċċedi elfejn, tlett mija u disgħin u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

4. Talli nhar it-03 ta' Diċembru, 2015, għall-ħabta tas-01:45hrs ġewwa l-lokalita' ta' San Ġiljan ikkommetta serq ta' kartiera li ġo fiha kien hemm għoxrin ewro (€20) u kif ukoll numru ta' dokumenti għad-dannu ta' Charlene Galea u/jew ta' persuna jew persuni oħra;

5. Talli nhar l-04 ta' Diċembru, 2015, bejn 02:45hrs u 03:05hrs, minn ġewwa residenza numru 46, sitwata ġewwa Triq il-Mediterran, Pembroke, ikkommetta serq ta' ħamsin ewro (€50), fi flus kontanti u kaxxa żgħira tal-fidda tal-valur mhux magħruf għad-dannu ta' Katrin Alegren Benndorff u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-ħin, u bil-lok;

6. Talli bejn il-lejl tat-18 u 19 ta' Diċembru, 2015, minn ġewwa residenza numru 26, sitwata Fuq il-Ġonna, Swieqi, ikkommetta serq ta' tmin mitt ewro (€800), fi flus kontanti u kif ukoll kowt tad-ditta 'Esprit' tal-valur ta' mija u ħamsin ewro (€150) għad-dannu ta' Joanna Schembri Wismayer u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix elfejn, tlett mija u disgħin u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

7. Talli nhar it-22 ta' Diċembru, 2015, f'xi ħin bejn 00:30 u s-07:30 ta' filgħodu minn ġewwa residenza numru 6, Flat 2, Carbin Court, Triq Dun Alfred Gatt, Santa Venera ikkommetta serq ta' sittin ewro (€60), fi flus kontanti u kif ukoll tablet tal-għamla 'Samsung' tal-valur ta' mija u disgħin ewro (€190) għad-dannu ta' Carmelo Falzon u/jew ta' persuna jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-lok, bil-mezz, bil-ħin, bil-vjolenza numerika u bil-valur li ma jeċċedix elfejn, tlett mija u disgħin u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

8. Talli nhar it-22 ta' Diċembru, 2015, għall-ħabta tal-05:10hrs, bil-ħsieb li għamel reat ta' serq minn ġewwa residenza numru 15, sitwata ġewwa Triw l-Għollieq, Santa Venera għad-dannu ta' Jason Galea Lucas u/jew persuna jew persuni oħra, flimkien ma'persuni oħra wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma kienx ġie esegwit minħabba xi ħaġa

aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku seħħ, kien ikun serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-vjolenza numerika, bil-hin u bil-valur valur li ma jeċċedix elfejn, tlett mija u disgħin u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

9. Talli nhar it-22 ta' Diċembru, 2015, għall-ħabta tal-05:10hrs, bil-ħsieb li għamel reat ta' serq minn ġewwa residenza numru 15, sitwata ġewwa Triw l-Għollieq, Santa Venera, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli, u ċioe' statwa tal-Bambin Ġesu', għad-dannu ta' Jason Galea Lucas u/jew persuni oħra, liema ħsara ma' tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250);

10. Talli nhar it-22 ta' Diċembru, 2015, għall-ħabta tal-05:10hrs, bil-ħsieb li għamel reat ta' serq minn ġewwa residenza numru 15, sitwata ġewwa Triw l-Għollieq, Santa Venera, ħebb għal Jason Galea Lucas u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif ċertifikat minn Dr. Monica Camilleri M.D. (Reg. No. 3377) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana;

11. Fl-aħħarnett ukoll talli f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

Il-Qorti ġiet miotluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

## Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni

Rat ir-rikors kongunt prezentat nhar id-29 t'Ottubru, 2018, mill-Avukat Generali u l-imputat permezz ta' liema, wara li ddikjaraw li qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti biex fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, *tenendo* kont tal-fattispecie kollha tal-kaz, is-sanzjoni jew mizura li ghandha tigi inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta'prigunerija effettiva ghall-perjodu ta' erba (4) snin u tmien (8) xhur u dan oltre` kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija, fosthom il-hlas ta' l-ispejjez periali kollha jew f'ammont li din il-Qorti joghgobha tistabbilixxi.

Rat illi waqt l-udjenza tallum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat :
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti tirrileva li din is-sentenza qeghda tinghata wara li saret talba mill-partijiet permezz ta' rikors konguntiv mill-Avukat Generali u l-akkuzat a tenur ta' l-artikolu 392A(5)(6)(7) tal-Kodici Kriminali.

Illi wara li rat il-fedina penali tal-imputat u wara li rat in-natura serjissima tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, din il-Qorti hi sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-partijiet hija tali li jkun leġittimu illi din tigi hekk imposta u dan ai termini tal-Artikolu 392A(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 49, 50, 215, 221, 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(b), 263, 266, 267, 269, 270, 274(c), 278(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 281, 284, 289, 325(c) u 334 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah ghal erba (4) snin u tmien (8) xhur prigunerija.

Inoltre` bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €3365.15 rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**